**28 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giovanni Aquilina

*versus*

Onorevoli Joseph Ellul Mercer ne.

**Rekwiżizzjoni — Atti "Jure Imperii" u Atti "Jure Gestionis".**

*Jekk l-awtorità rekwiżizzjonanti, li tkun ħarġet rekwiżizzjoni ta' fond, in segwitu għar-rekwiżizzjoni timmodifika l-effetti u d-durata tal-istess rekwiżizzjoni, jinħoloq bejn il-Gvern u l-persuna rekwiżizzjonata rapport kontrattwali li ma jistgħax jitwaqqa, u lanqas jitbiddel, bit-tibdil tal-ministri u bit-trasferiment tad-dipartiment tal-"Housing" minn ministru għal ieħor.*

*Il-kwistjoni tal-insindakabilità tal-atti li l-Gvern jagħmel "jure imperii", bħal ma hija rekwiżizzjoni, u tal-potestà li l-istess Gvern "ope legis" għandu "jure imerii", f'każijiet simili, ma tidħolx; għax l-istess "requisition order", u għalhekk l-istess att magħmul "jure imperii" mill-awtorità kompetenti tal-Gvern, ġie modifikat minn dik l-istess awtorità bl-istess potestà li għandha "jure imperii", u għalhekk ir-rapporti u d-drittijiet reċiproċi tal-Gvern u ċ-ċittadin f'dan il-każ huma regolati u jiddependu mir-"requisition order" kif modifikata u ristretta mill-istess awtorità. Ċertament, l-awtorità setgħet ma mmodifikatx l-effetti tar-requisition order"; iżda la għamlet il-modifika u l-limitazzjoni, l-awtorità tinsab marbuta bis-saħħa tar-"rule of law" daqs iċ-ċittadin, u ma tistgħax arbitrarjament tinjoraha. Meta fl-amministrazzjoni tad-demanju publiku l-Gvern jassumi obligi u impenji kuntrattwali, il-Gvern, bħal kwalunkwe amministratur ieħor, jirrendi ruħu suġġett għal dawk l-impenji għall-liġi tal-pajjiż, u jrid jirrispettaha. U ġa ladarba l-istess Gvern illimita u rrestrinġa l-effetti u d-durata tar-rekwiżizzjoni għall-każ*

*li tavvera ruħha xi eventwalità minnu stess imsemmija, il-persuna rekwiżizzjonata tista' tazzjona lill-Gvern biex tiġi pronunzjata ċ-ċessazzjoni tar-rekwiżizzjoni, malli tavvera ruħha dik l-eventwalità mingħajr ma jkun sar fl-intervall ebda att ieħor "jure imperii" da parti tal-Gvern fuq l-istess fond.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li tkun premessa kwalunkwe opportuna dikjarazzjoni u jiġi mogħti kull provvediment meħtieġ, permess illi bis-saħħa ta' Requisition Order Nru. 8385, maħruġa mill-Housing Commissioner fil-25 ta' Novembru 1948 kontra l-instanti (dok. A) biex jikkonsenja immedjatament il-ħanut nru. 34 f'Old Theatre Street, Valletta, u eżegwita kontra tiegħu forzożament, l-instanti ġie privat mill-użu tal-imsemmi ħanut, li huwa mikri minn għand il-Gvern; premess illi, kif dikjarat u promess mill-Ministru tal-Ġustizzja ta' allura b'ittra tal-25 ta' Marzu 1949 (dok. B), l-istess ħanut kien ġie rekwiżizzjonat temporaneament, u kellu jiġi ritornat lill-instanti malli jinstab post ieħor għal ċertu Francis Sciberras, li ġie mqiegħed fl-istess ħanut u li kellu jerġa jmur lura fl-area tal-Mandraġġ; premess illi l-post qabel okkupat minn dan Francis Sciberras fl-imsemmija area tal-Mandraġġ ilu rikostruwit, u, għalkemm dam żmien okkupat minn familja oħra, issa ilu żmien twil battal, billi l-instanti stess ikkoopera biex jitbattal, kif jidher aħjar mid-dikjarazzjoni annessa; premess li, non ostanti d-diversi promessi lill-instanti, u non ostante l-protest ġudizzjarju ta' dan tas-16 ta' Ġunju 1954, il-ħanut għadu ma ġiex ritornat lilu, u anzi l-passi li kien beda l-Gvern għal dan l-oġġett ġew miżmuma u mreġġa' lura; talab li jiġi dikjarat u deċiż (1) li avverat ruħha l-kondizzjoni li kellha twassal għad-derekwiżizzjoni tal-ħanut fuq imsemmi favur l-instanti, tenut kont sija taċ-ċirkustanzi li pprovokaw ir-rekwiżizzjoni relattiva u sija tal-promessi tal-konvenut nomine u tal-predeċessuri tiegħu f'dina l-karika, u konsegwentement (2) li l-instanti huwa ntitolat għad-danni, konsistenti f'telf ta' qliegħ mill-ħanut in kwistjoni, sakemm dan ma jiġix restitwit lilu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-16 ta' Ġunju 1954;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenut oppona li r-Requisition Order imsemmija fiċ-ċitazzjoni ħarġet u baqgħet isseħħ "jure imperii", u għaliha ma ġiet apposta ebda kondizzjoni, u lanqas kien hemm bżonn li tiġi apposta, in vista tal-poter assolut tal-awtorità kompetenti in materja; li del resto l-attur kien qiegħed jinterpreta bħala vinkolu legali l-atteġġjament konċiljattiv tal-Gvern illi jfittex, fil-limiti tal-possibbli, jikkonċilja l-interessi konfliġġenti taċ-ċittadini, imma kull ma għamel il-Gvern kien "ex gratia", u ma kienx neċessarju għall-validità tar-Requisition Order; illi l-eżerċizzju tal-poteri konferiti mill-liġi ma jistgħax jagħti lok għal ebda azzjoni ta' danni; u għalhekk tant l-ewwel kemm it-tieni talba huwa infondati, u għandhom jiġu miċħuda; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Novembru 1957, li biha ġew miċħuda t-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

L-attur ma jikkontestax il-validità tar-Requisition Order maħruġa mill-Housing Commissioner fil-25 ta' Novembru 1948, li biha ġie rekwiżizzjonat minn għandu l-post-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Huwa, però, isostni li, fuq ittra tal-Ministru tal-Ġustizzja, li taħtu allura kien id-Dipartiment tal-Housing (dok. B), il-post kellu jibqa' rekwiżizzjonat sakemm il-persuna li lilha ġie assenjat ma jkollhiex "alternative accomodation". L-attur isostni li avverat ruħha din iċ-ċirkustanza, li hu jsejjaħ "kondizzjoni li kellha twassal għad-derekwiżizzjoni", u qiegħed jitlob dikjarazzjoni f'dan is-sens; kif ukoll dikjarazzjoni fis-sens li huwa ntitolat għad-danni, li għamel jikkonsistu fit-telf ta' qliegħ mill-ħanut in kwistjoni sakemm dan ma jiġix restitwit lilu;

B'ittra datata l-25 ta' Marzu 1949, b'risposta għall-ittra tal-attur tal-4 ta' Marzu 1949, erbgħa xhur wara r-rekwiżizzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja kien informa lill-attur illi "the occupation by Government of the premises in question is only temporary and . . . . they will be returned . . . . . as soon as the present occupant will be found by the Hous-

ing Commissioner alternative accomodation in the area he came from";

Meta ħarġet ir-Requisition Order, ebda kondizzjoni ma ġiet apposta mill-awtorità kompetenti għall-poteri diskrezzjonali ta' dispożizzjoni tal-fond. Dik l-ordni tikkostitwixxi att "jure imperii", u kull provvediment relattiv li l-Gvern jieħu huwa insindakabbli mill-Qrati u eżenti minn kwalunkwe responsabilità ċivili, billi l-Gvern mhuwiex investit bl-obligi u drittijiet li huma dixxiplinati mill-Kodiċi Ċivili ("Ciantar vs. Dr. G.M. Camilleri ne.", Kollez. XXXV-I-83). B'dan il-mod, illi l-post in kwistjoni għadu ma ġiex restitwit lill-attur, anki jekk avveraw ruħhom iċ-ċirkustanzi ndikati fl-ittra tal-Mnistru fuq riferita, jikkostitwixxi provvediment amministrattiv relattiv għar-rekwiżizzjoni, li bħal'a tali huwa insindakabbli mill-Qrati;

L-ewwel dikjarazzjoni mitluba mill-attur hija preordinata għal dik ta' danni mitluba fit-tieni lok. Billi t-tieni dikjarazzjoni ma tistgħax tiġi mogħtija, għar-raġunijiet premessi, lanqas ma tista' tiġi mogħtija l-ewwel waħda. Barra minn dan, l-ewwel dikjarazzjoni, anki kunsidrata weħedha u mingħajr l-oħra, lanqas ma tista' tiġi mogħtija, għax tkun nieqsa mill-interess ġuridiku bħala bażi tagħha. Biex sempliċi dikjarazzjoni tkun sorretta, trid tkun qegħedha tifforma l-bażi ta' kawża oħra li tkun tista' ssir fil-futur. L-interess ma għandux ikun ipotetiku, imma konkret, u sussistenti di fronti għal dak il-konvenut li jkun magħżul bħala leġittimu kontradittur ("Balluci vs. Vella Gera ne.", Kollez. Vol. XXXII-II-257); liema rekwiżiti ma jirrikorrux f'dan il-każ;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, li biha dan appella missentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta Novembru 1957;

Rat il-petizzjoni tal-attur appellant, li talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li b'Requisition Order numru 8385, bid-data tal-25 ta' Novembru 1948, il-Housing Commissioner irrekwiżizzjona minn għand l-attur il-ħanut numru 34 Old Theatre Street, Valletta, li allura kien mikri għandu minn għand il-Gvern Ċivili. Dak il-ħanut allura ġie mogħti b'kiri minn għand il-Gvern lil ċertu Francis Sciberras f'lok il-ħanut li dan kellu fil-Mandraġġ. Intant l-attur baqa' jħallas il-kera ta' dak il-ħanut, u jirċievi minn għand il-Housing Department il-kumpens tal-okkupazzjoni tal-istess ħanut da parti ta' Francis Sciberras (dep. Hunt, fol. 56). B'hekk baqgħet sejra l-lokazzjoni tal-ħanut favur l-attur (dep. attur, fol. 28);

Allura, il-ħanut tal-Mandraġġ kellu jitwaqqa' minħabba r-rikostruzzjoni tal-Mandraġġ; u kienet il-policy tal-Gvern, allura, li wara r-rikostruzzjoni l-ħanut jintradd lura lill-inkwilin preċedenti, jiġifieri lil Francis Sciberras (dep. Dr. Cassar, fol. 18-19). Dak iż-żmien, id-Dipartiment tal-Housing kien jagħmel mal-Ministeru tal-Ġustizzja, li allura kap tiegħu kien, kif inhu l-lum, l-Onorevoli Dr. Jos. Cassar (dep. Dr. Cassar, fol. 18-19);

Intant, b'ittra tal-25 ta' Marzu 1949, il-Ministru tal-Ġustizzja kiteb lill-avukat tal-attur, u qallu:— "With reference to your letter of the 4th March, 1949, on behalf of Giovanni Aquilina, and regarding the shop premises in Old Theatre Street, Valletta, I am to inform you that the occupation by Government of the shop premises in question is only temporary, and they will be returned to your client as soon as the present occupant will be found by the Housing Commissioner alternative accomodation in the area he came from. It is, of course, impossible to say how long it will be necessary to keep the shop premises under requisition, but the period will be as short as possible. If it is necessary that the Police licence be transferred to the premises in Old Theatre Street Valletta, I shall ensure that this will be only a temporary arrangement, to last as long as the present occupant has not been provided

with alternative accomodation in the Manderaggio area" (dok. B, fol. 6);

Din l-ittra, ġejja mill-istess awtorità li kienet responsabbli għall-Housing Commissioner li ħareġ ir-Requisition Order, immodifikat l-effetti u d-durata tal-istess requisition order fuq imsemmija, u ħolqot bejn il-Gvern u l-attur rapport kontrattwali. It-tibdil tal-ministri u t-trasferiment tad-dipartiment tal-Housing minn ministru għall-ieħor ma jwaqqax, u lanqas ma jbiddel, l-effetti u r-rapport kontrattwali ġdid maħluq b'dik l-ittra impenjattiva tal-ministru responsabbli, għax il-Gvern impenjat baqa' l-Gvern ta' Malta. Il-kwistjoni tal-insindakabilità tal-atti tal-Gvern magħmula "jure imperii", u tal-potestà stess tal-Gvern li "ope legis" għandu "jure imperii", f'dal-każ ma tidħolx; għax l-istess requisition order, u għalhekk l-istess att magħmul "jure imperii" mill-awtorità kompetenti tal-Gvern, ġew modifikati minn dik l-istess awtorità bl-istess potestà li għandha "jure imperii", u għalhekk ir-rapporti u d-drittijiet reċiproċi tal-Gvern u ċ-ċittadin f'dan il-każ huma regolati u jiddependu mir-requisition order fuq imsemmija kif modifikata u ristretta bl-ittra tal-istess awtorità kompetenti fuq imsemmija tal-25 ta' Marzu 1949. Ċertament, l-awtorità setgħet ma mmodifikatx kif intqal l-effetti tar-requisition order; iżda, la għamlet il-modifika u l-limitazzjoni, l-awtorità tinsab marbuta bis-saħħa tar-"rule of law" daqs iċ-ċittadin, u ma tistgħax arbitrarjament tinjoraha. Meta fl-amministrazzjoni tad-demanju publiku l-Gvern jassumi obligi u impenji kontrattwali, il-Gvern, bħal kwalunkwe amministratur ieħor, jirrendi ruħu suġġett għal dawk l-impenji għall-liġi tal-pajjiż, u jrid jirrispettaha;

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta li fir-rikostruzzjoni tal-Mandraġġ il-ħanut li dari kien f'idejn Francis Sciberras ġie mibni mill-ġdid, u għalkemm fis-sena 1951 kien ġie okkupat minn familja mdaħħla hemm mill-Gvern wara maltempata li pperikolat xi bini (dep. Dr. Cassar, fol. 19), ftit żmien wara dak il-post tbattal, u safejn jirriżulta mill-proċess għadu sal-

lum battal (dep. attur fol. 22-28-29; dep. Cla. Micallef fol. 54; dep. Wilfred Podestà fol. 25). Intant, peress li Sciberras kien kuntent li jibqa' jokkupa l-fond in kwistjoni, il-Housing Commissioner ħallieh f'dak il-fond (dep. Hunt, fol. 56), u għalhekk irrofta li jrodd dak il-ħanut lill-attur, b'inkejja tal-impenn li volontarjament assuma l-Gvern bl-ittra tal-25 ta' Marzu 1949 fuq imsemmija, u li biha kienu ġew modifikati l-effetti tar-Requisition Order pendenti;

It-temporaneità tal-kollokament ta' Francis Sciberras fil-fond in kwistjoni tirriżulta wkoll ammessa mill-awtorità kompetenti fid-dikjarazzjoni megħmuża mar-risposta tal-allura Prim Ministru Dr. Borg Olivier fil-kawża "Francis Sciberras vs. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne"., ċeduta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru 1955. Intant ebda att ieħor "jure imperii" ma sar minn dak iż-żmien l-hawn fuq il-fond; u għalhekk il-konvenut nomine ma jistgħax jaħrab arbitrarjament mill-konsegwenzi ġuridiċi tal-impenji tad-dipartiment li għalieh huwa responsabbli, u għandu jirrispetta l-limitazzjonijiet magħmula bil-fuq imsemmija ittra lir-Requisition Order, billi jeżegwixxi "bona fide" l-impenji assunti "jure gestionis" li jirritorna lill-attur il-ħanut;

It-tieni talba mhix ħlief konsegwenza ta' l-ewwel talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine.